# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Nru. 1717

Kaz Nru. 1797/AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Edwin Zammit
u
Frank Xuereb

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta*
Il-lum il-Hamis 28 ta' Settembru 2006

**Chairman : is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Edwin Zammit mill-Avv. Reuben Micallef fejn qieghed jghid illi dan tkecca mill-impieg tieghu ingustament u billi qatt ma inghata raguni adegwata u fil-parametri tal-Ligi.

Is-Sur Edwin Zammit aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-Avv. Reuben Micallef. Is-Sur Frank Xuereb li aktar 'l quddiem jissejjah il-principal kien assistit mill-Avv. Noel Bartolo.

It-Tribunal zamm disgha seduti.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellant jghid illi originarjament kien impjegat ma' S. Mifsud & Sons Ltd. ta' 27, Birkirkara Hill, San Giljan mill-1 ta' Gunju 1999 sal-31 ta' Dicembru 2001. Fl-ewwel ta' Jannar tas-sena 2002 l-impieg tieghu ghadda minn ghand S. Mifsud & Sons Ltd. ghal ghand Frank Xuereb u dan taht l-istess kundizzjonijiet kif kien hemm imnizzel fil-*Contract of Service* li kellu ma' S. Mifsud & Sons Ltd.. Dam impjegat sas-26 ta' April tas-sena 2003 illi kien dakinhar li keccieh mill-impieg tieghu.

Jghid illi sal-lum ghadu ma inghatax raguni cara ghat-tkeccija tieghu minhabba li Frank Xuereb qatt ma kkommetta ruhu dwar x'kienet din ir-raguni ghat-terminazzjoni mill-impieg tieghu. Ihoss li ma ghamel xejn illi jiggustifika t-tkeccija tieghu u ghaldaqstant ihoss illi t-tkeccija mill-impieg tieghu hija wahda ingusta.

Is-socjeta intimata tghid illi l-esponenti jopera servizz ta' *mini-buses, taxis* u servizzi ta' transport simili u ilu hekk jopera ghall-fuq minn 25 sena.

Illi l-maggjor parti tax-xoghol ta' l-esponenti, jekk mhux ix-xoghol kollu tieghu, gej mis-socjeta SMS Ltd. Travel and Tourism, ghall-liema kumpanija l-esponenti joffri servizz ta' trasport ghat-turisti taghhom konsistenti fi trasport minn u ghall-Airport, minn u ghall-Hotel, Day Tours u servizzi simili ohra. L-esponenti ilu jahdem mal-SMS il-fuq minn 25 sena u qatt ma kellu problema maghhom. Il-problemi inqalghu, kif ser jigi ppruvat, meta huwa impjega lill-appellant.

Illi l-appellant kien impjegat ma' l-esponenti bhala *mini-bus driver* minn Frar 2002 u kien impjegat ghall-iskop uniku li jippresta s-servizz skond l-arrangament li l-esponenti kellu mas-socjeta SMS Ltd., b'mod illi l-maggjor parti tax-xoghol tieghu, jekk mhux ix-xoghol kollu tieghu, kien dak li ghandu x'jaqsam mas-servizz lill-SMS.

Illi l-appellant kiser kemm il-darba l-kundizzjonijiet ta' impieg tieghu tant li l-esponenti tah diversi *warnings* sakemm fl-ahhar meta ra li l-appellant xorta ma riedx jaghmel xogholu sew huwa ma kellux triq ohra hlief li jitterminalu l-impieg u fil-fatt hekk gara.

Illi l-appellant mhux l-ewwel darba li kien arroganti kemm mar-rapprezentanti kif ukoll mat-turisti nnifishom tal-SMS, johloq argumenti ma' l-istess, jinjora ordnijiet specifici tar-rapprezentanti u kif ukoll jiehu wisq kunfidenza mat-turisti sal punt li jdejjaq jew jimmolesta tali turisti.

Illi l-appellant tant huwa inobbidjenti li ebda gwida jew rapprezentant ma riedu jahdmu mieghu.

Illi l-agir ta' l-appellant kien ghalhekk qed jikkawza dannu irreparabbli lill-istess esponenti peress li kien qed iqieghdu fil perikolu car li jitlef l-akbar provvista ta' xoghol tieghu oltre li jhammiglu l-buon nom tieghu li ilu igawdih ghal aktar minn 25 sena.

**Provi**

Xhud is-Sur Samuel Mifsud, *Direttur ta' SMS,* qal illi l-appellant kien impjegat mal-SMS permezz ta' *agreement* iffirmat mas-Sur Neville Mifsud, kien jahdem *full-time* driver beda jahdem fl-1 ta' Gunju 1999 u spicca fil-31 ta' Dicembru 2001. Kien spicca minn dan ix-xoghol ghax is-socjeta SMS ghalqu t-*Transport Division*. Fl-1 ta' Jannar 2002 beda jahdem mas-Sur Frank Xuereb bhala *mini bus driver full-time*. Is-Sur Frank Xuereb kien jahdem ghal SMS fix-xoghol tat-turisti taht id-direzzjoni assoluta tal-Manager tal-SMS li jkun l-airport jew inkella l-lukanda jew il-port skond in-necessita.

Wahda mir-ragunijiet hija illi meta jinzel l-ajruplan id-drivers kollha iridu joqghodu barra l-airport hdejn il-vanijiet taghhom. Dan ix-xoghol isir permezz ta' *internal*

*agreement* bejn l-SMS u s-Sur Xuereb. Illi fit-8 ta' April 2003 kiteb lis-Sur Frank Xuereb fejn qallu li ghandhom problema ma' certi *drivers* li ma jridux jaghmlu dak li qed jghidilhom l-Area Manager tat-tour operator. Wiehed minn dawn id-*drivers* kien l-appellant.

L-ordni biex id-*drivers* jghoqodu barra l-*airport* jistennew it-turisti kienu qalulhom bosta drabi sa kienu waslu f'estremita illi jekk ma jobdux l-ordnijiet ma kienux ha jahdmu izjied mas-Sur Xuereb. Id-direttiva biex id-*drivers* jghoqodu barra kien inghatat lix-xhud minghand ir-rapprezentant barrani tat-Tour Operators tal-kumpanija Nickermann (li huma n-NUR) li hu stazzjonat hawn Malta. Mistoqsi mill-legali tas-socjeta jekk is-sitwazzjoni tas-Sur Xuereb minn mindu m'ghadux l-appellant fl-impieg bhala *driver* imbidlitx, ix-xhud qal li ma kellhomx iktar problemi fuq dan ix-xoghol.

Xhud is-Sur Frank Xuereb qal illi s-servizz li jghati tat-trasport fil-maggoranza kollha tieghu jghatieh lill-SMS. Dan ix-xoghol huwa l'ghajxien tieghu. Ilu jahdem mal-SMS xi hamsa u ghoxrin sena. Qal illi qabel ma dahal mieghu fl-impieg l-appellant qatt ma kellu problemi mal-SMS. Qal ukoll illi bhala drivers tal-*mini bus* huwa kien jipprovdilhom uniformi u l-appellant kien wiehed flimkien ma xi ohrajn li ma kienx jilbes l-uniformi. Kien ukoll jghid lid-drivers illi meta jinzel l-ajruplan iridu jkunu barra l-airport jistennew it-turisti. L-appellant kien jghatieh hafna *trouble*. Kull meta kien jghatieh *full-day tour* assenjat mat-turisti kien jitlaq minn fuq ix-xoghol, kien icempillu l-gwida u jistaqsieh fejn huwa d-*driver*. Biex jibqa l-hin kollu mat-turisti kien jghatieh zewg liri Maltin biex jixtri xi haga ghall-ikel. Kien jaqbghat u jmur jigbor it-tifla tieghu mill-iskola u kien ihalli l-post fejn ikunu t-turisti. L-appellant kien johloq il-problemi mal-couriers ta' barra, mal-kbir tan-Nickermann ta' Malta li kien ikun prezenti billi dan kien qieghed jitla l-*airport* minhabba illi ma joqghodx ghax-xoghol li kien jghidulu. Kien ghalhekk cempel lil SMS u qallu, *"waqqaf lil Edwin issa ghax inwaqfu lilek mix-xoghol"* dan il-kaz kien f'nofs in-nhar u qallu, *"waqqfu issa ghax ha nwaqqfu lilek, sal-erbgha inti tieqaf*

*jekk ma twaqqfux"* Kien cempellu dak il-hin stess meta kien bix-xoghol Lapsi u qallu, *"ejja bil-vann lura".*

Xhud is-Sur Laurence Sammut, impjegat mas-socjeta bhala ko-ordinatur li jiehu hsieb ix-xoghol tad-*drivers,* qal illi l-appellant kien jaghmel diversi rregolaritajiet fosthom l-aktar kienu li ma kienx jilbes l-uniformi li tipprovdi l-kumpanija skond il-kuntratt li hemm bejn Frank Xuereb u l-SMS.

Wkoll illi kellhom agenzija partikulari in-Nickermann li jesigu li d-*drivers* joqghodu barra l-*airport* fil-*parking area* mal-vann biex meta jigu il-klijenti isibu n-numru u d-*driver* u jghabbihom. Kien hemm agenziji ohrajn fejn iridu li jghoqodu gewwa l-*airport*. L-appellant ma kienx jghoqod fejn kien suppost joqghod. Spiega illi darba kienu migbura d-*drivers* go vann jitkelmu biex jaghmlu karta illi barra ma jistghux joqghodu. L-appellant kien qed jipprova igib il-firem tax-xufiera l-ohra, Inzerta illi dak in-nhar kien hawn Malta l-*Area Manager* tad-ditta Nickermann, meta bdew hergin it-turisti barra mill-*airport* ma sabux il-vannijiet bis-*signs*. Meta l-*Area Manager* ra dan kollu qal lill-*courier* tal-SMS jekk dawn iridux jahdmu ghax ahna ma ahniex lesti ghal dawn il-mutetti quddiem it-turisti.

Xhud is-Sur Samuel Mifsud, Direttur tal-*SMS,* mistoqsi mill-legali ta' l-appellant kif kien imur fix-xoghol tieghu fiz-zmiem li kien impjegat dirett mal-SMS u jekk kien ikun hemm kwistjonijiet qal illi kien normali anki l-ittra ta' referenza li kien ghamlulu tghid illi dejjem qedgha xogholu sewwa u b'attenzjoni. Qal ukoll illi l-problema li inqalghat kienet ghax ma kienx barra l-*airport* hdejn il-vann meta kellu x-xoghol ta' Nickermann. Inqalghat kwistjoni mar-rapprezentant tan-Nickermann u qallu illi ma jridx aktar lill-appellant fix-xoghol tieghu. Mistoqsi mit-Tribunal min kien ir-rapprezentant tan-Nickermann li ma riedx aktar lill-appellant fix-xoghol tieghu x-xhud qal li ma ghadux hawn Malta u l'anqas jafu.

Xhud l-appellant qal illi l-ewwel kien impjegat bhala *driver* mal-SMS u wara meta sar it-*transfer* minn ma' l-SMS intbghat mas-Sur Frank Xuereb. Mal-SMS dam

sentejn u nofs u mas-Sur Xuereb kien ilu mieghu minn meta kien gie trasferit ix-xoghol bejniethom. Kemm dan mal-SMS qatt ma kellu problemi. Fl-ewwel sena mas-Sur Xuereb ma kien hemm ebda problema, gara illi r-rapprezentant tan-Nickermann ta' ordni illi mill-lum 'l quddiem id-*drivers* kollha iridu jistennew lit-turisti barra l-*airport.* Qal li d-*drivers* kollha ipprotestaw ghax iridu jkunu esposti ghax-xemx u x-xita. Minn dan il-mument beda l-inkwiet ghax li toqghod fix-xemx fis-sajf hija iebsa hafna.

Ir-rapprezentant tan-Nickermann beda jghamel ir-rapporti; kien ir-rapprezentant Germaniz li kien ta' ordni biex jitkecca. Kien cempillu s-Sur Frank Xuereb u qallu tan-Nickermann ma jridukx ghax qallu illi ma jobdix l-ordnijiet li jtuh. Qal illi l-kaz origina minn xi haga li qatt ma saret. Kien hemm argument illi saret ittra biex id-*drivers* ma joqghodux barra l-airport, fil-fatt kien hemm diskors imma ittra jew ahjar petizzjoni qatt ma saret, wahhlu fieh li ried jaghmilha meta fil-fatt ma kienx hu, Qal illi hu l-anqas jaf jaqra.

L-appellant cahad dak li xehed s-Sur Lawrence Sammut, illi kien prezenti l-*airport* waqt il-kaz. Is-Sur Sammut qatt ma tah ordnijiet. L-ordnijiet dejjem gew minghand is-Sinjura u minghand is-Sur Frank Xuereb. Mistoqsi mill-legali tas-socjeta jekk kienx jilbes dejjem l-uniformi qal illi dejjem libes l-uniformi sew meta kien mal-SMS u wkoll mas-Sur Xuereb.

**Noti ta' osservazzjonijiet**

L-appellant jghid illi r-ragunijiet li nghataw mil-parti konvenuta kienu diversi, li l-attur ma kienx jobdi ghal-ordnijiet li jinghatawlu u li ma kienx josserva r-regolamenti li jinghataw minn min ihaddem. F'dokument li gie esibit da' parti tal-attur fil-forma ta' ittra ta' Direttur tas-socjeta SMS li kienet thaddem lill-istess attur ghal perjodu twil u li fiha jinghad car u tond illi matul dan il-perjodu huwa dejjem wettaq xoghlu minghajr ma kien hemm problemi tax-xorta kif spjegati da' parti tal-konvenut, anzi l-ittra hija certifikat posittiv ghad-dixxiplina illi biha kien

iwettaq xoghlu l-istess appellant.  Huwa difficli jigi emnut illi allura, biss ftit xhur wara li l-istess appellant ghadda fl-impieg ta’ Frank Xuereb huwa inbidel mil-lejl ghan-nar bil-mod kif spiega.

Ir-raguni vera ghalfejn tkecca jidher car illi kienet minhabba ordni jew theddida li nghatat lill Frank Xuereb sabiex ikecci lill-appellant minhabba allegata tilwima bejn xi haddiema, inkluz l-appellant, ma’ xi rapprezentant ta’ Nickerman.  Ir-rapprezentant tan-Nickerman kien ta’ ordni lis-sewwieqa tal-*minivans* sabiex jistennew barra hdejn il-vann taghhom.  Il-haddiema ma riedux joqghodu ghal din l-ordni minhabba li kienu esposti ghall-elementi tan-natura, u l-fatt li huma ppjanaw li tigi pprezentata ittra fil-forma ta’ petizzjoni li ttiehdet bhala nuqqas ta’ dixxiplina u nuqqas ta’ obbidjenza.  Fir-realta din il-petizzjoni bl-ebda mod ma tista’ tittiehed bhala nuqqas ta’ dixxiplina fil-verita qatt ma saret.

Illi jekk l-appellant naqas milli jobdi din l-ordna jew ma riedx jobdi din l-ordni kien ikun gustifikat minhabba li huwa jbati minn attakki ta’ migranja, kif stabbilit fic-certifikati medici tat-tabib ta’ l-istess appellant.

Punt ta’ mportanza assoluta huwa l-fatt illi dan ir-rapprezentant ta’ Nickerman qatt ma ttella jew deher bhala xhud fil-kawza u qatt ma ta xi forma ta’ evidenza ta’ l-argument li sehh allegatament bejnu u bejn il-haddiema, b’mod partikulari l-appellant.

Is-socjeta appellata qalet illi l-esponenti jopera servizz ta’ *mini-buses* u servizzi ohra ta’ trasport simili u ilu hekk jopera ghall-fuq minn 25 sena. Il maggior parti tax-xoghol tieghu gej mis-socjeta SMS Ltd. Travel and Tourism, ghall-liema kumpanija l-esponenti joffri servizz ta’ trasport ghat-turisti taghhom konsistenti fi trasport minn u ghall-Airport minn u ghall-Hotel, Day Tours u servizzi simili ohra.

Illi l-appellant kien impjegat ma’ l-esponenti bhala *mini-bus driver* minn Frar 2002 u kien impjegat ghall-iskop uniku li jippresta s-servizz skond l-arrangament li l-

esponenti kellu mas-socjeta SMS Ltd. Illi l-appellant kiser kemm il-darba l-kundizzjonijiet ta' l-impieg tieghu tant li l-esponenti tah diversi *warnings* sakemm fl-ahhar meta ra li l-appellant xorta ma riedx jaghmel xogholu sew huwa ma kellux triq ohra hlief li jitterminalu l-impieg.

Illi l-esponenti ta lill-impjegati tieghu struzzjonijiet cari li huma ghandhom jilbsu l-uniformi waqt il-hin tax-xoghol, bhala kundizzjoni cara ta' l-impieg. L-appellant irrifjuta kemm il-darba li jilbes l-uniformi waqt ix-xoghol jew altrimenti jaghmel fattieh billi jippprezenta ruhu fejn it-turisti bla uniformi bil-principal tieghu isir jaf dan kollu meta l-gwida jew rapprezentant jirraporta xi jkun gara.

Illi l-appellant huwa inobbidjenti li ebda gwida jew rapprezentant ma riedu jahdem mieghu. Illi jipprezenta certifikat tal-mard meta fil-fatt ma jkunx marid b'mod li jiddisturba serjament l-andament tax-xoghol ta' l-esponenti.

Illi ghall-diversi darbi l-appellant naqas milli jobdi ordnijiet diretti kemm ta' l-istess esponenti u kif ukoll ta' superjuri ohra tieghu inkluz rapprezentanti tas-socjeta SMS li ghandhom l-obligu jassiguraw li t-turisti jigu moqdija mill-ahjar possibbli. Mhux l-ewwel darba illi l-appellant kien arroganti kemm mar-raprezentanti kif ukoll mat-turisti nnifishom tal-SMS, johloq argumenti ma' l-istess, jinjora ordnijiet specifici tar-rapprezentanti u kif ukoll jiehu wisq kunfidenza mat-turisti sal-punt li jdejjaq jew jimmolesta tali turisti. Dan kollu jirrizulta minn ittra datata 8 ta' April 2003 mibghuta lill-esponentii mill-istess SMS fejn dawn ta' l-ahhar talbu lill-esponenti sabiex jiehu l'azzjonijiet necessarji fil-konfront ta' l-appellant oltre li talbuh li huma ma riedux li l-appellant jigi assenjat aktar xoghol tal-SMS.

**Kunsiderazzjonijiet**

l-appellant beda fl-impieg tieghu originarjament ma' S. Mifsud &Sons Ltd. Mill-1 ta' Gunju 1999 sal-31 ta' Dicembru 2001. Fl-1 ta' Jannar 2002 l-impieg tieghu ghadda minn ghand S. Mifsud & Sons Ltd. ghal ghand Frank Xuereb taht l-istess

kundizzjonijiet kif hemm imnizzel fil-*Contract of Service* li kellu ma' S. Mifsud & Sons Ltd.   Fis-26 ta' April 2003 tkecca mill-impieg tieghu.

L-impieg tieghu kien ta' *mini-bus driver*.  Ix-xoghol tieghu kien li jgorr it-turisti minn u ghall-*Airport* u l-*Hotel*, *Day Tours* u servizzi ohra.  Il-principal tieghu s-Sur Frank Xuereb jaghmel il-maggoranza tax-xoghol ghall-SMS u ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal aktar min 25 sena.  Ix-xoghol kollu  jsir taht id-direzzjoni tal-SMS.

L-appellant sostna illi fiz-zmien li ghamel f'impieg tal-SMS qatt ma kellu nkwiet u dejjem kien rispettat u jghid illi l-istess ghamel mas-socjeta appellata.  Is-Sur Frank Xuereb qal li kien ilu jwissi lid-*drivers* biex jaghmlu dak kollu li jigu ordnati mill-*Area Manager* tat-*tour operator* u qal illi wiehed minn dawn id-*drivers*  kien l-appellant.  Kien obligat jilbes l-uniformi provduta mis-socjeta u kien jonqos milli jkun liebes l-uniformi.  Kien jigi mwissi biex jibqa il-hin kollu mat-turisti meta jkunu Day Tour u xorta kien ihallihom biex imur jaqdi affarijiet tieghu personali.  Il-gwidi kienu jirrapurtaw li ma ghandhomx id-*driver* prezenti.

Il-kaz inqala meta fit-8 ta' April 2003 meta s-Sur Frank Xuereb ircieva direzzjoni minghand l-SMS illi d-*drivers* ma jridux jaghmlu dak li qed jghidilihom l-*Area Manager* tat-tour operator u wiehed minnhom huwa l-appellant.  L-ordni kienet biex jghoqodu barra l-*airport* jistennew it-turisti.  Din l-ordni kienet inghatat bosta drabi mir-rapprezentant tal-kumpanija Nickermann (li huma l-NUR) tant illi kienu waslu fl-estremita illi jekk ma jobdux l-ordnijiet ma kienux ha jahdmu aktar mas-Sur Xuereb.

Is-Sur Samuel Mifsud, Direttur ta' SMS Ltd. qal fix-xhieda tieghu illi matul iz-zmien li l-appellant ghamel fl-impieg mas-socjeta tieghu dejjem ghamel xogholu sewwa u b'attenzjoni.  Qal illi l-problema nqalet ghaliex ma kienux barra l-*airport* hdejn il-vann meta kellu x-xoghol ta' Nickermann.  Kien ir-rapprezentant tan-Nickermann li ma riedux aktar fix-xoghol tieghu lill-appellant.

Irrizulta matul il-provi illi d-*drivers* ma kienux kuntenti illi joghqodu barra l-*airport* hdejn il-vann jistennew lit-turisti tan-Nickermann sa waslu illi kienu qed jaraw illi jghamlu protesta, ittra biex ma jghoqodux esposti ghax-xemx liema protesta jew ittra fil-fatt qatt ma saret.

L-ittra tat-8 ta' April 2003 minghand is-Sur Samuel Mifsud, Direttur ta' SMS Ltd. lis-Sur Frank Xuereb tghid, *"The main drivers that we are receiving complaints about are Edwin, Manuel and now even Franco"* u tispicca, *"We must therefore insist that these drivers should not be assigned further SMS services. We cannot upset our principals and in all honesty neither can your garage"*

L-appellant fl-Istqarrija tal-Kaz tieghu qal illi ghadu sal-lum ma nghatax raguni cara ghat-tkeccija tieghu. Ir-raguni tat-tkeccija tieghu mill-impieg hi illi kien jonqos milli jobdi l-ordnijiet mghotija mir-rapprezentant tan-Nickermann fl-*airport* li jghoqod barra l-*airport* hdejn il-vann jistenna t-turisti. Dan in-nuqqas kien wasal sal-punt kif spiegat fl-ittra tat-8 ta' April 2003 illi l-SMS twaqqaf lill-Frank Xuereb milli jkompli jghati s-servizzi tieghu lill-SMS.

L-appellant bhala *mini bus driver* ta' esperjenza f'dan ix-xoghol naqas meta ma osservax tali ordnijiet. Kien ikun aktar ghaqli u sewwa fic-cirkustanzi illi jara li jiddiskuti b'mod konciljatorju mal-principal tieghu il-problemi li seta' kellu b'sens ta' raguni.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra d-dokumenti esebiti, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg tieghu kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

___________________

**Alphonse Caruana**
**Chairman**